MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru. 594/2013

**Artikoli 83B, 252 (1), 338 (dd) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI**, iben John u Vincenza nee' Fava, imwieled Pieta' nhar id-29 ta' Settembru, 1971 u residenti 97, 'Hidmitna', Triq San Mikiel, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 447271(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Gunju, 2013 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) u fix-xhur ta' qabel f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Kiser il-bwon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat;
2. Akkuzat aktar talli fil-11 ta' Gunju 2013 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe' ta' Innocent Lokri, weggghu bil-kliem b'gesti kitba, b'disinji, jew b'xi mod iehor aggravat jew motivat ghal kollox jew b'mod parzjali b'mibeghda kontra persuna jew grupp ta' persuni, fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni

sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tieghu, l-okkorrenza redatta mis-surgent PS 782 Sean Scicluna datat 11 ta' Gunju 2013, l-istqarrija redatta mill-imputat immarkata bhala Dok CSH datata 11 ta' Gunju 2013, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Gunju 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat b'mod sommarju kif jirrizulta mill-ezami li sarlu mill-Qorti nhar id-19 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe' lill-ispettur Trevor Micallef u l-allegat vittma Innocent Lokri u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar il-15 ta' Lulju 2014.

Illi l-Ispettur Trevor Micallef xehed nhar id-19 ta' Mejju 2014 u spjega illi fil-11 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' 2.38pm mar l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan l-allegat vittma Innocent Lokri fejn irrapporta li

ghal dawn l-ahhar tlett xhur kien qed ikollu xi diskussjonijiet u argument mal-imputat prezenti fl-Awla. Qal li dakinhar stess f'xi hin filghodu kien qieghed il-lukanda Meridien fejn jahdem bhala porter jiftah il-bibien ghat-turisti u kellu xi argument mal-imputat li huwa taxi driver ghax l-imputat ma riedx li l-imputat joqghod jiftah il-bibien tal-vettura tieghu u waqt l-argument l-imputat allegatament qallu "*you black African monkey go back to your country*". B'daqshekk hassu aggravat u kien mar jaghmel rapport. Huwa fil-fatt kien hadlu stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok CSH datata 11 ta' Gunju 2013.

**Innocent Lokri** xehed nhar is-27 ta' Gunju 2014 bil-lingwa Ingliza li giet tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti u kkonferma li huwa jahdem bhala porter mal-lukanda Le Meridien. Huwa jiftakar li fil-11 ta' Gunju 2013 bhas-soltu mar jilqa' l-mistednin tal-lukanda mill-Lobby kif kellu l-istruzzjoni sabiex jaghmel. L-imputat li gharaf prezenti l-Qorti dakinhar qallu sabiex ma jiftahx il-bieb ghalkemm huwa ittenta jiftah il-bieb tal-vettura sabiex jghamilha aktar komdu ghall-klijenti tal-lukanda. Dakinhar l-imputat hareg mill-vettura tieghu u beda jghajjat u qallu li kien gja nfurmah li ma riedx li huwa jiftah il-bibien tal-vettura tieghu. Naturalment dak il-hin huwa tbissem sabiex ma jirrejagix quddiem il-klijenti tal-lukanda, izda cio nonostante l-imputat baqa' jghajjat u jghidlu sabiex imur lura f'pajjizu u anke sahansitra qallu "*You African black monkey go back to your country*".

Ix-xhud jaf li mbaghad beda jibki u l-manager tieghu staqsih x'kien gara u wara li spjegalu dak li kien gara dan baghtu jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija. Minkejja dan kollu ddikjara li qed jahfer lill-imputat ghal ghemilu.

Illi l-imputat **Joseph Camilleri** xehed nhar il-15 ta' Lulju 2014 u spjega li l-allegat vittma jafu, u jafu bhala porter li jahdem fil-lukanda Le Meridien. Spjega li kemm il-darba kellu xi jghid mieghu u dan ghaliex meta jasal hemmhekk bil-klijenti ma jaghtihx cans sabiex jikkomunika mal-klijent specjalment meta jkun qed jirranga maghhom sabiex jigborhom ghar-ritorn u b'hekk allega li jtelliflu n-negozju. Qal li huwa verament informa lill-kwerelant li m'ghandux jiftah il-bibien tal-vettura tieghu. Spjega kif darba minnhom meta kien wasal il-lukanda bil-klijenti dan Lokri qabad u fetah il-bagoll tal-vettura waqt li l-klijenti kienu ghadhom fil-vettura u dawn hasbu hazin.

Dakinhar tal-incident tal-kawza spjega li l-kwerelant ghamillu xi sinjali bhal qisu li hu mignun u kien ghalhekk li nizel ikellmu. Huwa nizel mill-karozza u rega' spejga lil dan Lokri sabiex ma jiftahx il-bibien tal-vettura tieghu. Cahad li qallu kliem dispreggjattiv minhabba r-razza tieghu. Huwa sostna li nizel mill-vettura sabiex jispjegalu li m'ghandux ghalfejn imiss il-vettura tieghu. Cahad li huwa f'xi hin insulenta lil Lokri.

Fl-istqarrija li huwa irrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni jidher li jaqbel li gja kellu xi incidenti mal-kwerelant meta

effettivament ittenta jipprova jiftah il-bieba tal-karozza sabiex jghin it-turisti johorgu minnha. Hawnhekk ukoll cahad li ghajjat mieghu pero' qallu "*can you stay away from my car. You are a doorman*". Qal li dakinhar il-kwerelant ghamillu xi mossi b'idejh bhal speci li hu mignun. Dak il-hin qallu "*you don't know to stay there until I put down the luggage myself and do your job as a door man as you are a door man of the hotel and not a taxi doorman*." Mistoqsi jekk insulentax lill-kwerelant wiegeb li qallu "*you come from a different country and you do those signs to me*".

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fl-istess seduta tal-15 ta' Lulju 2014 u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha ghall-atti processwali waqt li d-Difiza sostniet li din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti tal-fatti u ghalekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati abbazi ta' provi lil hin minn kull dubbju ragonevoli. Qalet li l-imputat cahad li qal kliem dispreggjattiv lill-vittma ghalkemm ammettiet li kellha xi tghid mieghu u li pprovat tispjegalu li m' ghandhiex ghalfejn tmiss il-vettura tieghu. Id-difiza ammettiet li verament kellha xi ntoppi mal-vittma fil-passat u dan dejjem fuq l-istess kwistjoni pero' cahdet li qatt insulentatu ghaliex ghandu razza jew origini differenti.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of*

*course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita'.

U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-**Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali** u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u fiex ser temmnu jew ma temmnux" (Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957).

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta'April 2001 intqal illi "*l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat*".

Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu u semghet hi stess viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud huwa kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud, li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti. Ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda, dik moghtija minnu fl-istqarrija li rrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni b'mod partikolari tal-kwerelant u dan sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura

ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda principalment.

Illi fic-cirkostanzi kif fuq spejgati il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija minn Innocent Lokri hija aktar vero simili u in effetti l-imputat agixxa bil-mod li agixxa ghaliex possibilment il-kwerelant kien fitt fl-agir tieghu pero' dan ma jiskuzax jew addirittura ma jiggusitifikax lill-imputat sabiex jinsulentah u jghajru ghaliex ghandu razza u origini differenti minn tieghu.

**Il-Qorti ghalhekk rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 83B, 252 (1), u 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat JOSEPH CAMILLERI hati tal-ewwel akkuza u cioe' li kiser il-paci pubblika u ghalhekk tilliberah minn tali akkuza izda ssibu hati tat-tieni akkuza u cioe' li bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Innocent Lokri wegggħu bi kliem u li tali akkuza hija aggravata bid-**

**dispost tal-Artikolu 83 B tal-Kap 9 ghaliex il-kliem li ntqalu mill-imputat intqalu b'mibeghda kontra persuna ta' kulur u origini etnika differenti u ghalhekk tikkundannah ihallas multa ta' tlett mitt ewro (€300).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------